Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' April 2019**
**(OR. en)**

**8091/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0293(COD)**

**CODEC 851**
**CLIMA 105**
**ENV 382**
**TRANS 249**
**MI 334**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta’ REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (riformulazzjoni) **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fit-8 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta[1] msemmija hawn fuq, ibbażata fuq l-Artikolu 192 (1) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Frar 2018[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.

4. Fis-27 ta' Marzu 2019 il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

[1] 14217/17.
[2] ĠU C 227, 28.6.2018, p. 52.
[3] 7726/19.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

– japprova, bid-delegazzjoni Ungeriża tivvota kontra u bl-astensjoni tad-delegazzjoni Bulgara, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 6/19;

– jiddeċiedi li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*